MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2010

Numru 595/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR GRAZIELLA MUSCAT**
**SPETTUR MELVYN CAMILLERI**
**VS**
**CLINTON BUGEJA CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Clinton Bugeja Camilleri, iben il-mejjet Gorg u Rita nee' Attard, imwieled Pieta' fit-12 ta' Marzu 1986, residenti gewwa 11, Sqaq numru 2, Triq il-Kullegg, Rabat, Malta u detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 135486(M).

Illi huwa akkuzat talli f'Jannar 2008, f'Malta ppartecipa f'attivita' sesswali ma' persuna taht l-eta', cioe *Ommissis A*;

Illi huwa akkuzata wkoll talli fi *ommissis*, jew/u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, f'Gunju 2007 u xi xhur wara,

offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku u dan bi ksur ta' l-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi huwa akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.4) u dak ta' l-imputat (4a) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi l-imputat ta' 22 sena kellu relazzjoni sesswali u intima ma' bint il-kwerelanti – il-minuri *Ommissis A* - li kellha inqas minn *ommissis* (*ommissis*)-il sena, li minnu, din il-minuri kellha tarbija. L-Ufficjal Prosekutur infurmat lil Qorti li din ir-relazzjoni intima kienet konsentita mill-minuri li ppartecipat b'mod attiv f'din ir-relazzjoni. Illi minn din ir-relazzjoni l-minuri kellha tarbija.

Gie stabbilit ukoll illi qabel ir-relazzjoni ma' l-imputat Clinton Bugeja Camilleri, l-minuri *Ommissis A* kellha gia' relazzjoni sesswali ma' haddiehor.

*Ommissis A* informat lill-Ufficjal Prosekutur illi qatt ma kien hemm vjolenza da parti ta' l-imputat fuq il-persuna taghha.

L-Ufficjal Prosekutur ezebit l-istqarrija ta' l-imputat Dok.GM (ara fol.9 sa fol.11) f'liema stqarrija l-imputat ghamel ammissjoni piena ghal relazzjonijiet sesswali bejn *Ommissis A*, bl-imputat Camilleri li ddikjara apertament li ghadu jhobb lil Pace u jrid jibqa' maghha.

Patrick Pace (a fol.12), missier *Ommissis A*, ikkonferma l-kwerela u xorta baqa' jishaq fuq proceduri kriminali minkejja l-fatt illi l-imputat kien missier in-nepputi tieghu.

Gew ezebiti Dok.GM2 (a fol.23 et sequitur) - sentenza fil-konfront ta' l-imputat, Dok.GM3 - certifikat tat-twelid tal-minuri, Dok.GM4 - il-fedina penali ta' l-imputat, Dok.GM5 – certifikat tat-twelid ta' l-imputat u Dok.GM6 – kunsens ta' l-Avukat Generali.

*Ommissis A* ta' *ommissis* (*ommissis)*-il sena ikkonfermat illi kienet ser taghlaq *ommissis* (*ommissis*)-il sena meta kellha x'taqsam ma' l-imputat illi minnu, hija ghandha tarbija. Illi hija kienet ghadha thobbu u riedet tqatta' l-hajja taghha mieghu, izda l-genituri taghha ma jriduhx. *Ommissis A* kkonfermat illi hija qatt ma riedet tiehu passi kriminali kontra l-imputat.

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li jemergu f'dan il-kaz, huwa car illi l-kwerelanti, *Ommissis A*, tfajla illi diga' kellha relazzjonijiet sesswali ma' guvintur ohra qabel ma' ltaqghet ma' l-imputat, kellha relazzjoni intima ma' l-imputat Camilleri u, li minn din ir-relazzjoni, kellha tarbija. Dawn il-fatti huma pjenament korraborati kemm mill-Ufficjal Prosekutur, kif ukoll mill-genituri ta' *Ommissis A*. Illi, di piu', dawn il-fatti huma ammessi b'mod assolut mill-imputat fl-istqarrija tieghu.

*Ommissis A* kkonfermat lil Qorti illi hija qatt ma xtaqghet tiehu passi kriminali kontra missier it-tarbija taghha. Jidher, ghaldaqstant, illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat huma kollha pprovati ghajr l-akkuza ta' recidiva il-ghaliex il-Prosekuzzjoni naqset li tressaq il-prova ta' identita' tas-sentenza ezebita (Dok.GM2). Il-Qorti, pero', fl-ghotja tal-piena, kellha d-dover illi tiehu c-cirkostanzi pjuttost specjali ta' dan il-kaz in konsiderazzjoni.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat **Clinton Bugeja Camilleri**, hati ta' l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza, bit-tieni akkuza assorbita ai fini ta' piena fl-ewwel (1) akkuza, mhux hati tat-tielet akkuza ta' recidiva illi minnha tilliberah u wara li l-Qorti rat Artikoli 204C, 209 u 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundannah ghal sena prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------